MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 224/2007

Kawza fil-lista: 24

**AB**
**vs**
**L-Avukat Dottor Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali**
**Mario Mifsud Bonnici**
**nominati kuraturi deputati**
**sabiex jirrapprezentaw lill-assenti CD**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi f' April 2006 l-attur iltaqa' mal-konvenuta gewwa r-Russja u wara ftit gimghat iddecidew li jizzewgu;

2. Illi fil-11 ta’ Lulju 2006 il-partijiet ghaddew minn cerimonja taz-zwieg fir-Registru ta’ Moska, Russja (Dok. A);

3. Illi wara z-zwieg l-attegjament tal-konvenuta versu zewgha inbidel u ma gabitx ruhha ta’ mizzewga fil-konfront ta’ zewgha l-attur;

4. Illi minkejja li l-partijiet kienu mizzewgin, il-konvenuta ma riedetx tghix ma’ l-attur u sahansitra telqet mid-dar matrimonjali u rritornat ir-Russja;

5. Illi minkejja li l-attur prova jikkonvinci lill-konvenuta sabiex tirritorna Malta u jghixu ta’ mizzewgin, il-konvenuta rrifjutat;

6. Illi mill-atteggjament tal-konvenuta jirrizulta li hija riedet biss tuza lill-attur ghal skopijiet taghha sabiex tkun tista’ tiehu vantagg mill-fatt li tkun mizzewga cittadin ta’ l-Unjoni Ewropea;

7. Illi l-atteggament tal-konvenuta wara z-zwieg jindika li dan iz-zwieg huwa null stante li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b’ difett serju diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew ghad-drittijiet u l-obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga jew b’ anomalija serja li taghmilha impossibli ghall-konvenuta li twettaw l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

8. Illi dan iz-zwieg huwa null stante li l-kunsens ghaz-zwieg tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

9. Illi dan iz-zwieg huwa null stante li l-kunsens ta’ l-attur inkiseb b’ qerq min-naha tal-konvenuta;

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni,

1. Tiddikjara null u bla effett iz-zwieg celebrat bejn il-partijiet fil-11 ta' Lulju 2006 kif indikat f' estratt veru mill-Att taz-Zwieg numru tnejn sitta hamsa zbarra elfejn u sebgha 265/2007 u dan ai termini ta' l-artikolu 19 sub-artikolu 1 para (c), (d) u (f) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255).

2. Konsegwentement tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha rrispondew li huma m' humiex edotti mill-fatti tal-kaz, u rrizervaw d-dritt li jipprezentaw risposta motivata fi stadju ulterjuri;

Rat l-atti tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni minn din il-Qorti fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta assenti, fil-11 ta' Lulju 2006 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-konvenuta kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Kwadru tal-fatti**

Il-Qorti semghet lill-attur jiddeponi.

Mill-provi jirrizulta li fil-11 ta' Lulju 2006 l-attur, cittadin malti, allura ta' 60 sena, izzewweg lill-assenti, cittadina minn Georgia, allura ta' 45 sena, wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa hames xhur. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

L-attur jispjega kif wara z-zwieg il-partijiet ghexu flimkien ta' mizzewwgin ghaxart [10] ijiem biss, u martu kienet

titolbu somom kbar ta' flus. Hu jirrakkonta kif okkazzjoni minnhom "Qaltli ghandi bzonn Lm500, ghidtilha 'mela kull darba li tarani trid Lm500' u hi kienet tippretendi wkoll li waqt li qieghed hawn Malta, jien suppost li kull hmistax jew kull gimgha jew kull xahar irrid nibghatilha [ir-Russja] xi Lm1000." Wara li l-attur waqaf jaghtiha dawn l-ammonti ta' flus, il-konvenuta baqghet ir-Russja u ma rieditx tinzel aktar Malta. Di fatti mill-provi jirrizulta li sallum din ghadha r-Russja.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi l-Qorti taqbel mat-tezi ta' l-attur li l-konvenuta ma rieditx tghix il-hajja konjugali mieghu, u li ghaliha hu kien biss fonti monetarju u xejn aktar. Dan huwa evidenzjat mill-konvivenza matrimonjali qasira hafna, ta' ghaxart [10] ijiem, u mir-rifjut li hi tkompli tghix il-hajja matrimonjali ma' l-attur wara li dana waqaf jghaddilha l-ammonti ta' flus li kienet titolbu.

Illi f' dan il-kaz il-Qorti tikkonfigura s-simulazzjoni da parti tal-konvenuta assenti li, ghalkemm esternament ghaddiet minn cerimonja ta' zwieg civili, hija nternament u b' att pozittiv tal-volonta' taghha eskludiet obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja konjugali, senjatament dak tal-konvivenza matrimonjali diretta lejn il-benessere reciproka.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet ta' l-attur huma fondati fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255, liema caput nullitatis jikkonfigura fil-konfront tal-konvenuta assenti.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg tieghu kuntrattat ma' CD fil-11 ta' Lulju 2006.

L-ispejjez jigu sopportati mill-konvenuta assenti, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------